# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 4 ta' Gunju 2002**

**Avviz. numru 25/00**

**Numru 20**

**Odette Sammut**

**vs**

**Mario Camenzuli**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas is-somma ta' sitt mija u hamsin lira (LM650), danni sofferti fil-vettura tal-attrici, bin-numru IBD 154, liema danni gew kawzati b'risultat tal-kollizzjoni li kellu mal-imsemmija vettura, liema incident sehh fit-22 ta' Novembru 1999, fiz-Zurrieq, meta l-konvenut qed isuq il-vettura IMY 356, stante li l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni, imperizja, negligenza, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-

konvenut, stante illi l-konvenut naqas milli jieqaf qabel ma hareg fuq triq principali u dana minkejja illi kien hemm sinjal tal-“Stop”.

Bl-imghax legali mid-data u bl-ispejjes inkluzi tal-ittra legali tas-6 ta’ Dicembru 1999, ta’ Lm10 ghall-konsult u tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz kontra l-assigurazzjoni tieghu kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa illi (fol 4 tal-atti):

1. It-talba tal-attrici ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjenti izda gara unkament htija ta’ l-istess attrici.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-provi in esami, in sintesi, huma kif ser jinghad:

a) PS 1448 Victor Buttigieg (fol 11 tal-atti) oltre li esebixxa kopja tar-rapport u tal-iskizz maghmulin minnu in konnessjoni ma dan l-incident (ara fol 14 u fol 18 tal-istess atti) spjega, fil-kontroesami li sarlu, li l-karozza misjuqa mill-attrici "kienet ipparkeggata fit-triq fejn (fuq l-iskizz imsemmi) hemm imnizzel "To Nigret" fuq in-naha tal-lemin tat-triq kontra d-direzzjoni tat-traffiku…." . In rigward il-lokalita' tal-incident, hu kompla jghid li l-istess triq, fejn gara dan l-incident "ma hiex "one way" u tiehu traffiku fiz-zewg direzzjonijiet, …. taqbez wisa ta' 40 pied. F'nofs it-triq ma hemm ebda linji bojod".

b) L-attrici, meta xehdet (fol 21 u 22 ibid) qalet illi hi pparkeggat fuq in-naha tal-lemin tal-istess triq. "Kif esattament kont ser naqla minn hawnhekk, giet minibus minn "side street" (cjoe Triq Karmnu Zammit kif murija fuq l-istess skizz esebit) u dan minghajr ma waqaf fuq is-sinjal ta' "stop" ". In rigward id-distanza bejn fejn kienet parkeggata u l-kantuniera tal-imsemmija triq laterali, hi qalet "… kienet toqghod karozza ohra quddiemu". Difatti, waqt li ammettiet li kienet parkeggata fuq in-naha tal-lemin tat-triq, ossija dik hazina, hi specifikat li kienet taqbel illi "bejn fejn kont parkeggata sakemm saret il-habta imxejt tul ta' karozza". Skond

l-istess attrici, qabel ma harget mill-post tal-parkegg, hi kienet xeghlet l-"indicator". Inoltre il-konvenut kien ammetta "li kien tort tieghu ghax hareg minghajr ma waqaf fu ql-'"stop sign" . Pero qalet ukoll "x'hin kont ser naqla, l-vettura l-ohra ma rajthiex anzi ratha "mad-daqqa"

c) <u>Il-konvenut</u> (fol 30 u 31 ibid) jsostni li hu, filfatt, kien waqaf fuq l-imsemmi sinjal fit-triq laterali u dan sabiex jdur lejn ix-xellug, fejn kienet parkeggata l-attrici. Sussegwentment hu waqaf ghat-tieni darba, ftit il-quddiem mill-istess sinjal u dan sabiex jesplora t-triq u jara jekk hux gej traffiku fuq il-lemin tieghu. Kif hareg, hu sab il-vettura l-ohra (diehla) ghal go fija" liema vettura harget minn fejn kienet parkeggata fuq ix-xellug tieghu.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi sintetizzati, l-provi ghandu jinghad li kien jinkombi fuq l-attrici sabiex tipprova li dan l-incident gara minhabba negligenza da parti tal-konvenut. Mill-premess jidher evidenti li ma ingiebet ebda prova li l-konvenut hareg mit-triq laterali minghjar ma waqaf fuq is-sinjal ta' "stop" imsemmi sabiex jesplora jekk kienx gej traffiku mill-lemin tieghu. Anzi jidher li dan l-incident ma kienx risultat ta' sewqan traskurat da parti tal-konvenut izda tal-mod kif,

harget l-istess attrici mill-post fejn kienet parkeggata l-vettura taghha, kontra d-direzzjoni tat-traffiku u vicin hafna tal-istess triq laterali,  Filfatt jidher li l-konvenuta esegwit din il-manuvra b'mod altament imprudenti da parti taghha.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li tilqa l-eccezzjoni tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attrici.

Alan Calleja
Deputat Registratur